IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 4.9.2024
COM(2024) 388 final

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI

Dwar l-operat ġenerali tal-kontrolli uffiċjali mwettqa fil-pajjiżi tal-UE (2022) biex tiġi żgurata l-applikazzjoni tal-liġi tal-ikel u tal-għalf, regoli dwar is-saħħa u t-trattament xieraq tal-annimali, dwar is-saħħa tal-pjanti u dwar prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti

{SWD(2024) 208 final}

Kontenut

Sommarju eżekuttiv 4
Introduzzjoni 5

Parti 1
Kontrolli uffiċjali mwettqa mill-pajjiżi tal-UE fl-2022 7

1.1
Ħarsa ġenerali 8

1.2
Rapporti annwali tal-pajjiżi tal-UE 15

1.3
L-organizzazzjoni u l-prestazzjoni tas-sistemi ta' kontrolli uffiċjali 16

1.4
Miżuri meħuda biex jiġi żgurat l-operat effettiv tal-MANCP 18

1.4.1
Azzjoni meħuda biex tiġi żgurata l-konformità tan-negozju 19

1.4.2
Infurzar mill-awtoritajiet nazzjonali 20

1.4.3
Azzjoni meħuda biex jiġu żgurati sistemi ta' kontroll uffiċjali effettivi 22

Parti 2
Kontrolli tal-Kummissjoni mwettqa fil-pajjiżi tal-UE fl-2022 24

2.1
Awditi u kontrolli 25

2.2
Rakkomandazzjonijiet 27

2.3
Punti ewlenin mill-kontrolli tal-Kummissjoni mwettqa fl-2022 28

2.4
Segwitu sistematiku tar-rakkomandazzjonijiet tal-awditi 31

2. 4.1
Awditi ta' segwitu ġenerali..... 32

2.4.2
Infurzar..... 33
Konklużjonijiet 34

Dikjarazzjoni ta' ċaħda ta' responsabbiltà

Il-Kummissjoni Ewropea qiegħda tippreżenta dan ir-rapport f'konformità mal-Artikolu 114 tar-Regolament (UE) 2017/625 ([1]). Dan ir-rapport għandu l-għan li jtejjeb id-disponibbiltà pubblika tal-informazzjoni dwar il-kontrolli uffiċjali mwettqa mill-pajjiżi tal-UE — u l-kontrolli tal-Kummissjoni fuqhom — fl-oqsma tas-sikurezza alimentari u tal-għalf, is-saħħa tal-annimali u tal-pjanti, it-trattament xieraq tal-annimali, il-biedja organika u l-iskemi ta' kwalità għall-prodotti agrikoli u l-oġġetti tal-ikel.

Hija biss il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea li għandha l-kompetenza tinterpreta d-dritt tal-Unjoni.

L-għan tagħna huwa li nżommu din l-informazzjoni aġġornata u akkurata. Jekk tiġbdulna l-attenzjoni dwar xi żbalji, se nippruvaw nikkoreġuhom.

Il-materjal li ntuża għal dan ir-rapport:

- huwa informazzjoni ta' natura ġenerali u ma huwiex maħsub biex jindirizza ċ-ċirkostanzi speċifiċi ta' kwalunkwe individwu jew ta' entità partikolari;
- ma huwiex neċessarjament komprensiv, komplut, akkurat jew aġġornat; u
- huwa parzjalment ipprovdut mill-awtoritajiet nazzjonali fil-pajjiżi tal-UE, li fuqhom il-Kummissjoni ma għandha l-ebda kontroll u li għalihom il-Kummissjoni ma tista' tieħu l-ebda responsabbiltà.

Xi *data* jew informazzjoni f'dan ir-rapport setgħet inħolqot jew ġiet strutturata f'fajls jew f'formati li ma humiex ħielsa minn żbalji.

([1]) Ir-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2017 dwar il-kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħra mwettqa biex jiżguraw l-applikazzjoni tal-liġi tal-ikel u tal-għalf, ta' regoli dwar is-saħħa u t-trattament xieraq tal-annimali, dwar is-saħħa tal-pjanti u dwar prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti.

Sommarju eżekuttiv

Dan ir-rapport ikopri l-operat ġenerali tal-kontrolli uffiċjali tal-pajjiżi tal-UE u l-attivitajiet ta' kontroll tal-Kummissjoni fl-2022. L-għan ta' dawn il-kontrolli huwa li jiżguraw livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa u fiduċja fil-katina alimentari, mill-għalqa sal-platt. Dawn huma mod importanti biex jiġi vverifikat li n-negozji jikkonformaw mar-rekwiżiti legali tagħhom biex il-konsumaturi tal-UE jkunu jistgħu jkunu kunfidenti li l-ikel li jieklu huwa sikur. Huma wkoll kruċjali biex jippermettu l-kummerċ sikur u bla xkiel tal-ikel, tal-annimali u tal-pjanti, kemm fl-UE kif ukoll ma' pajjiżi li ma humiex fl-UE.

L-awtoritajiet nazzjonali huma responsabbli mit-twettiq ta' kontrolli uffiċjali. Jekk in-negozji tul il-katina alimentari ma jikkonformawx mal-leġiżlazzjoni applikabbli, l-awtoritajiet huma meħtieġa jinfurzaw ir-rekwiżiti u jiżguraw li n-negozji jissodisfaw l-obbligi tagħhom.

Fl-2022, kien hemm 16,4 miljun negozju fil-kamp ta' applikazzjoni tal-kontrolli uffiċjali u l-awtoritajiet nazzjonali wettqu madwar 5 miljun kontroll uffiċjali fuqhom. Dawn il-kontrolli identifikaw 1,2 miljun kwistjoni ta' nuqqas ta' konformità, li wasslu għall-applikazzjoni ta' ftit aktar minn 475 000 penali amministrattiv u 12 000 azzjoni legali.

Il-Kummissjoni tivverifika kif il-pajjiżi tal-UE jwettqu l-kontrolli uffiċjali u l-attivitajiet ta' infurzar.

Il-kontrolli tal-Kummissjoni juru li, b'mod ġenerali, l-awtoritajiet nazzjonali għandhom is-sistemi meħtieġa fis-seħħ biex jimmonitorjaw u jiżguraw li n-negozji jkunu qed jimplimentaw ir-rekwiżiti tal-UE u biex jaġixxu fejn ikun hemm kwistjonijiet ta' nuqqas ta' konformità. F'xi pajjiżi tal-UE, il-Kummissjoni identifikat nuqqasijiet fis-sistemi ta' kontroll uffiċjali, u indikaw li kien hemm lok għal titjib. F'dawn il-każijiet, il-Kummissjoni toħroġ rakkomandazzjonijiet lill-awtoritajiet nazzjonali.

Il-Kummissjoni ssegwi b'mod sistematiku r-rakkomandazzjonijiet tagħha u, fejn meħtieġ, tagħmel użu minn għodod oħra ta' infurzar. Barra minn hekk, hija tappoġġja lill-pajjiżi tal-UE billi tipprovdi assistenza teknika u taħriġ permezz tal-inizjattiva Taħriġ Imtejjeb għal Iżjed Sikurezza fl-Ikel u laqgħat tekniċi ta' networks ta' esperti.

Mill-2020 'l hawn, l-awtoritajiet nazzjonali rrapportaw ir-riżultati tal-kontrolli tagħhom bl-użu ta' format elettroniku armonizzat. Madankollu, mhux il-pajjiżi kollha tal-UE rnexxielhom jissottomettu d-*data* kollha tagħhom fil-format meħtieġ sa issa.

Introduzzjoni

L-UE għandha l-għan li tikseb livell għoli ta' protezzjoni u fiduċja fis-sikurezza tal-ikel u l-għalf, is-saħħa tal-annimali u tal-pjanti, il-benesseri tal-annimali, il-biedja organika u fi skemi ta' oriġini ġeografika (denominazzjoni ta' oriġini protetta (DOP), indikazzjoni ġeografika protetta (IĠP) u speċjalitajiet tradizzjonali garantiti (STG)). Innies li jgħixu fl-UE jistennew bir-raġun standards għoljin f'dawn l-oqsma kollha.

L-UE għandha qafas legali komprensiv biex tiżgura li l-kontrolli jkunu konsistenti tul il-katina tal-ikel u tal-għalf, mill-għalqa sal-platt, u mmonitorjati kif xieraq, filwaqt li tiżgura wkoll suq uniku effettiv u kummerċ ma' pajjiżi mhux tal-UE. Għall-finijiet ta' dan ir-rapport, ir-referenzi għall-pajjiżi tal-UE u d-*data* statistika jinkludu r-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq [2].

Wieħed mill-pilastri tal-politika integrata tal-UE dwar is-sikurezza alimentari mill-għalqa sal-platt huwa li kull pajjiż tal-UE jrid ikollu sistema ta' kontroll uffiċjali effettiva, ibbażata fuq ir-Regolament dwar il-Kontrolli Uffiċjali [3]. L-għan huwa dak li tiġi vverifikata u, fejn meħtieġ, infurzata l-konformità tan-negozju mal-istandards tal-UE tul il-katina tal-ikel u tal-għalf. Il-pajjiżi tal-UE jridu jfasslu pjanijiet ta' kontroll pluriennali (MANCPs, multiannual control plans) li jkopru l-oqsma kollha regolati mil-leġiżlazzjoni agroalimentari tal-UE.

Il-Kummissjoni għandha rwol importanti fil-qafas ġenerali ta' kontroll fil-livell tal-UE [4] u twettaq kontrolli, inklużi awditi, fil-pajjiżi tal-UE biex tivverifika li l-awtoritajiet nazzjonali qed jissodisfaw l-obbligi tagħhom.

([2]) F'konformità mal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(4) tal-Qafas ta' Windsor (ara d-Dikjarazzjoni Konġunta Nru 1/2023 tal-Unjoni u tar-Renju Unit fil-Kumitat Konġunt stabbilit mill-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika tal-24 ta' Marzu 2023, ĠU L 102, 17.4.2023, p. 87) flimkien mal-Anness 2 ta' dak il-Qafas.

([3]) Ir-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2017 dwar il-kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħra mwettqa biex jiżguraw l-applikazzjoni tal-liġi tal-ikel u tal-għalf, ta' regoli dwar is-saħħa u t-trattament xieraq tal-annimali, dwar is-saħħa tal-pjanti u dwar prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti.

([4]) L-Artikolu 116 tar-Regolament (UE) 2017/625.

Il-pajjiżi tal-UE jridu jippreżentaw rapport annwali lill-Kummissjoni ([5]) dwar l-implimentazzjoni tal-kontrolli uffiċjali tagħhom f'konformità mal-MANCP tagħhom.

Il-Kummissjoni tipproduċi rapport ([6]) dwar l-operat tal-kontrolli uffiċjali fil-pajjiżi tal-UE, filwaqt li tqis:

- ir-rapporti annwali ppreżentati mill-awtoritajiet nazzjonali dwar l-attivitajiet ta' kontroll tagħhom; u
- l-eżitu tal-kontrolli tal-Kummissjoni mwettqa fil-pajjiżi tal-UE.

Dan ir-rapport ikopri s-sena 2022. Dan jikkonsisti f'rieżami ta':

- ir-rapporti annwali tal-pajjiżi tal-UE li jkopru l-2022;
- il-kontrolli tal-Kummissjoni mwettqa fil-pajjiżi tal-UE fl-2022; u
- is-segwitu, l-infurzar u l-appoġġ tal-Kummissjoni pprovduti lill-awtoritajiet nazzjonali.

Jinkludi kompilazzjoni tad-*data* pprovduta mill-awtoritajiet nazzjonali għall-2022. Maż-żmien, din id-*data* se tagħmilha possibbli li jiġu identifikati xejriet fil-kontrolli u kwistjonijiet ta' nuqqas ta' konformità.

Il-grafika li turi l-kontrolli uffiċjali nazzjonali hija bbażata fuq id-*data* aggregata tal-2022 mill-pajjiżi tal-UE.

Peress li r-rekwiżiti ta' rapportar inbidlu mill-2020 'l hawn, mhux il-pajjiżi kollha tal-UE setgħu jipprovdu d-*data* kollha għall-2022 fid-dettall meħtieġ. Dan jillimita l-punt sa fejn il-grafika tista' titqabbel minħabba li xi pajjiżi tal-UE setgħu pprovdew *data* kkombinata li ma kinitx diżaggregata fis-subkategoriji meħtieġa.

Dan ir-rapport huwa akkumpanjat minn dokument ta' ħidma tal-persunal ([7]) li jipprovdi aktar dettall dwar il-kontrolli u l-awditi mwettqa mill-awtoritajiet nazzjonali u mill-Kummissjoni fis-setturi tal-katina alimentari li jaqgħu taħt ir-Regolament dwar il-Kontrolli Uffiċjali.

([5]) L-Artikolu 113(1) tar-Regolament (UE) 2017/625.

([6]) L-Artikolu 114 tar-Regolament (UE) 2017/625.

([7]) Id-dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni (SWD(2024) 208 final) li jakkumpanja r-rapport tal-Kummissjoni dwar l-operat ġenerali tal-kontrolli uffiċjali mwettqa fil-pajjiżi tal-UE (2022) biex tiġi żgurata l-applikazzjoni tal-liġi tal-ikel u tal-għalf, regoli dwar is-saħħa u t-trattament xieraq tal-annimali, dwar is-saħħa tal-pjanti u dwar prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti.

Parti 1

Kontrolli uffiċjali mwettqa mill-pajjiżi tal-UE fl-2022

1.1 Ħarsa ġenerali

L-ikel jiġi prodott u mqassam mill-għalqa sal-platti tagħna wara bosta ktajjen li jkopru firxa wiesgħa ta' setturi u attivitajiet tan-negozju[8].

It-Tabella 1 tipprovdi ħarsa ġenerali lejn ir-riżultati tal-kontrolli uffiċjali mwettqa fil-pajjiżi tal-UE fl-2022.

Tabella 1: Kontrolli uffiċjali fl-2022 – f'ċifri

In-negozji kollha fil-katina alimentari	Kontrolli uffiċjali mwettqa	Kwistjonijiet ta' nuqqas ta' konformità identifikati	Penali amministrattivi applikati	Azzjoni legali meħuda
16 414 273	**5 010 943**	**1 205 443**	**476 160**	**12 182**

L-Illustrazzjoni 1 tagħti ħarsa ġenerali lejn il-kontrolli uffiċjali mwettqa mill-pajjiżi tal-UE tul il-katina alimentari, mill-għalqa sal-platt [9]. Turi n-numru ta' operaturi, ta' kontrolli uffiċjali li saru, ta' kwistjonijiet ta' nonkonformità li ġew identifikati u ta' sanzjonijiet amminsitrattivi li ġew applikati – analiżi skont l-attivitajiet differenti fil-katina alimentari [10].

It-Tabella 2 turi l-ewwel ħames setturi tal-katina alimentari b'ċifri assoluti għan-numru ta' entitajiet, il-kontrolli uffiċjali mwettqa, il-kwistjonijiet ta' nuqqas ta' konformità identifikati u l-penali amministrattivi applikati. Id-dokument ta' ħidma tal-

[8] Ara Eurostat – key figures of the European food chain – 2022 għal għażla ta' *data* għas-setturi tal-agrikoltura u tas-sajd tal-UE, u għall-katina usa' mill-għalqa sal-platt.

[9] Din iċ-ċifra ma tinkludix il-kontrolli relatati mas-saħħa tal-pjanti (jiġifieri l-ħruġ ta' passaporti tal-pjanti u l-applikazzjoni tal-marka ISPM15 għall-imballaġġ tal-injam biex turi li dan kien ġie ttrattat biex jiġi evitat it-tixrid ta' insetti, żrieragħ u fungi), il-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u l-użu sostenibbli tal-pestiċidi barra mill-agrikoltura.

[10] L-awtoritajiet nazzjonali ma għandhomx għalfejn jirrapportaw l-għadd ta' entitajiet attivi fit-trasport tal-annimali. Id-*data* mitluba għall-kontrolli uffiċjali u l-kwistjonijiet ta' nuqqas ta' konformità għall-biċċeriji u għall-istabbilimenti li jipproċessaw il-kaċċa tista' tingħata bħala l-għadd ta' karkassi jew il-piż, u għalhekk ma jistax jintuża total.

persunal li jakkumpanja dan ir-rapport jipprovdi analiżi ulterjuri ta' dawn iċ-ċifri fl-oqsma kollha tal-katina alimentari.

Illustrazzjoni 1: Kontrolli uffiċjali mwettqa mill-pajjiżi tal-UE fl-2022



	Biedja – pjanti	#	Numru ta’ operaturi
	Biedja – annimali		Numru ta’ kontrolli uffiċċjali
	Biedja – imħallta		Numru ta’ kwistjonijiet ta’ nuqqas ta’ konformità
	Akkwakultura		Numru ta’ penali amministrattivi
	Sajd		
	Kaċċa		
	Għalf tal-annimali		
	Trasport tal-annimali		
	Biċċeriji u stabbilimenti li jipproċessaw il-kaċċa		
	Produzzjoni tal-ikel		
	Ipproċessar ta’ prodotti sekondarji tal-annimali		
	Distribuzzjoni tal-ikel		
	Bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut		
	Servizz tal-ikel		
	Produtturi tal-materjali li jiġu f’kuntatt mal-ikel		

Tabella 2: Kontrolli uffiċjali fl-2022 – l-ewwel ħames setturi

Entitajiet		Biedja	7 660 600
		Bejgħ bl-ingrossa tal-ikel	4 307 282
		Servizz tal-ikel	2 904 890
		Produzzjoni tal-ikel	665 651
		Distribuzzjoni tal-ikel	453 116
Kontrolli uffiċjali		Servizz tal-ikel	1 245 090
		Bejgħ bl-ingrossa tal-ikel	1 096 415
		Trasport tal-annimali	855 274
		Produzzjoni tal-ikel	842 194
		Biedja	587 219
Kwistjonijiet ta' nuqqas ta' konformità		Servizz tal-ikel	360 134
		Trasport tal-annimali	342 640
		Bejgħ bl-ingrossa tal-ikel	223 622
		Produzzjoni tal-ikel	153 608
		Biedja	81 719

Penali amministrattivi



Servizz tal-ikel	176 541
Bejgħ bl-ingrossa tal-ikel	125 518
Produzzjoni tal-ikel	93 152
Biedja	50 492
Distribuzzjoni tal-ikel	11 911

1.2 Rapporti annwali tal-pajjiżi tal-UE

L-awtoritajiet nazzjonali użaw il-format il-ġdid tar-rapportar għat-tielet darba biss. Xi wħud għad kellhom problemi bil-kompilazzjoni tad-*data* fil-format meħtieġ. Dan ifisser li l-paraguni bejn id-*data* sottomessa għall-2020, l-2021 u l-2022 jistgħu ma jkunux affidabbli. Il-bidla għall-format il-ġdid tagħmilha wkoll diffiċli li d-*data* ta' qabel l-2020 titqabbel mad-*data* ta' wara l-2020. Għalhekk għadu kmieni wisq biex id-*data* tibda titqabbel fil-livell tal-UE sena wara sena.

Il-pajjiżi tal-UE huma mistiedna jipprovdu valutazzjonijiet tal-livell ġenerali ta' konformità u effettività tas-sistema ta' kontroll. Madankollu, l-awtoritajiet nazzjonali pprovdew inqas informazzjoni għall-2022 milli kien previst fid-dokument ta' gwida ([11]).

Fir-rigward tal-benesseri tal-annimali fil-farms u matul it-trasport, ir-Regolament dwar il-Kontrolli Uffiċjali jiddikjara li r-rapporti annwali iridu jinkludu analiżi tal-aktar inċidenti serji ta' nuqqas ta' konformità. Din l-analiżi għandha tkun il-bażi għal pjan ta' azzjoni nazzjonali għall-prevenzjoni u għat-tnaqqis tal-okkorrenza tagħhom fis-snin li ġejjin ([12]). B'mod ġenerali, u kif kien ukoll il-każ għall-2020 u l-2021, l-awtoritajiet nazzjonali ma pprovdewx din l-analiżi jew il-pjanijiet ta' azzjoni. Dan jagħmilha impossibbli għall-Kummissjoni li tipprovdi s-sommarju meħtieġ dwar il-benesseri tal-annimali.

L-awtoritajiet nazzjonali pprovdew ukoll informazzjoni limitata ħafna biss dwar kontrolli mmirati lejn prattiki frawdolenti u qarrieqa.

([11]) Avviż tal-Kummissjoni dwar dokument ta' gwida dwar kif għandu jimtela l-mudell tal-formola standard

([12]) L-Artikoli 151, 152, 154, 156, 157 u 158 tar-Regolament (UE) 2017/625.

1.3
L-organizzazzjoni u l-prestazzjoni tas-sistemi ta' kontrolli uffiċjali

Il-pajjiżi tal-UE stabbilew sistemi ta' kontroll uffiċjali biex jivverifikaw li n-negozji kollha tul il-katina alimentari japplikaw il-qafas legali.

L-MANCPs tal-awtoritajiet nazzjonali jiddeskrivu kif huma stabbiliti s-sistemi ta' kontroll tagħhom u jiddeskrivu l-objettivi strateġiċi tagħhom.

Il-gwida tal-Kummissjoni għall-mili tar-rapporti annwali tistieden lill-awtoritajiet nazzjonali:

- jiddeskrivu kwalunkwe aġġornament dwar kif jiġu organizzati s-sistemi ta' kontroll uffiċjali;
- jinkludu tabella bir-riżultati tal-indikaturi tal-prestazzjoni użati għall-kejl tal-objettivi strateġiċi; u
- jinkludu dikjarazzjoni dwar il-livell ġenerali ta' konformità u l-effettività tas-sistemi ta' kontroll uffiċjali, ibbażata fuq l-analiżi u s-sinteżi tar-riżultati tas-sistemi ta' kontroll, l-objettivi tagħhom u l-indikaturi tal-prestazzjoni tagħhom.

Xi pajjiżi tal-UE jirrepetu d-deskrizzjoni tas-sistemi ta' kontroll tagħhom fir-rapport annwali, informazzjoni li diġà hija disponibbli fl-MANCP tagħhom.

Id-dikjarazzjonijiet dwar il-livell ġenerali ta' konformità u effettività huma fil-biċċa l-kbira limitati ħafna. Id-deskrizzjonijiet ivarjaw minn sodisfaċenti sa li jipprovdu perċentwal tan-negozji soġġetti għall-kontrolli b'każijiet ta' nuqqas ta' konformità (jew mingħajrhom).

10 pajjiżi tal-UE inkludew informazzjoni dwar l-objettivi u r-riżultati. Tmienja minn dawn il-pajjiżi pprovdew din l-informazzjoni fil-forma ta' ħarsa ġenerali lejn ir-riżultati tal-indikaturi tagħhom. L-indikaturi xi drabi huma limitati għall-għadd ta' kontrolli uffiċjali mwettqa u l-kampjuni meħuda.

Xi rapporti tal-pajjiżi tal-UE ma fihomx informazzjoni mill-awtoritajiet kollha involuti fil-kontrolli uffiċjali tul il-katina alimentari.

Xi prattiki tajbin ta' min jinnotahom:

- l-awtoritajiet Latvjani inkludew indikatur dwar il-prestazzjoni tal-uffiċjali;
- l-awtoritajiet Belġjani jiddefinixxu l-barometri abbażi tar-riżultati miksuba mill-kontrolli uffiċjali;
- l-awtoritajiet Daniżi jużaw l-għadd ta' każijiet ta' mard li jittieħed mill-ikel ikkawżat mis-Salmonella u l-għadd ta' sejħiet lura.

Bosta pajjiżi tal-UE ddikjaraw li l-għadd ta' kontrolli mwettqa reġa' żdied meta mqabbel mas-snin preċedenti wara t-tneħħija gradwali tal-miżuri biex titrażżan il-pandemija tal-COVID-19. Oħrajn għadhom jirrapportaw effetti negattivi mill-miżuri tal-pandemija fuq il-kapaċità tagħhom li jwettqu kompletament il-kontrolli li kienu ppjanaw.

Fatturi oħra li kellhom impatt negattiv fuq il-programmi ta' spezzjoni rrapportati mill-awtoritajiet nazzjonali kienu jinkludu riżorsi insuffiċjenti (persunal, finanzjarji u tagħmir), kwistjonijiet tas-saħħa tal-annimali li għaddejjin bħalissa (eż. id-deni tal-ħnieżer Afrikan u l-influwenza avjarja) u l-kwistjonijiet tas-saħħa tal-pjanti, il-Brexit u l-gwerra fl-Ukrajna.

1.4
Miżuri meħuda biex jiġi żgurat l-operat effettiv tal-MANCP

L-objettiv tal-MANCPs huwa li jiġi żgurat li l-kontrolli uffiċjali jitwettqu b'mod li jkun ibbażat fuq ir-riskju u effiċjenti tul il-katina agroalimentari kollha, u f'konformità mar-Regolament dwar il-Kontrolli Uffiċjali.

Meta l-kontrolli uffiċjali jidentifikaw każ ta' nuqqas ta' konformità, l-awtoritajiet nazzjonali huma meħtieġa jieħdu azzjoni biex jiżguraw li n-negozju mhux konformi jirrettifika l-kwistjoni biex jipprevjeni kwalunkwe okkorrenza ulterjuri ([13]).

L-awtoritajiet nazzjonali huma meħtieġa wkoll jivverifikaw li s-sistema ta' kontroll uffiċjali hija effettiva u jieħdu l-azzjoni meħtieġa biex jirrettifikaw kwalunkwe nuqqas identifikat ([14]).

([13]) L-Artikolu 138 tar-Regolament (UE) 2017/625.

([14]) L-Artikolu 12(2) u (3) tar-Regolament (UE) 2017/625.

1.4.1
Azzjoni meħuda biex tiġi żgurata l-konformità tan-negozju

Il-maġġoranza tal-pajjiżi tal-UE (18) irrapportaw dwar il-miżuri meħuda biex tiġi żgurata l-konformità min-negozji. Għal sitta minn dawn il-pajjiżi, l-informazzjoni hija limitata għall-għażliet klassiċi biex jiġu infurzati r-regoli bħat-twissijiet, il-penali u l-azzjoni legali.

Ir-rapporti l-oħra jinkludu informazzjoni dwar miżuri bħal kampanji ta' informazzjoni, gwida u taħriġ għan-negozji biex jgħinuhom jikkonformaw mar-regoli dwar is-sikurezza alimentari.

Xi eżempji tajbin:

- l-awtoritajiet Daniżi jużaw għodod u soluzzjonijiet diġitali, bħal għodda għall-ġestjoni tar-riskju għan-negozji tal-ikel u għodda għall-verifika tat-temperatura korretta għall-ħżin;
- l-awtoritajiet Ungeriżi jirrapportaw dwar l-ewwel impatt pożittiv tal-approċċ aktar konsultattiv meħud, flimkien mal-azzjoni ta' infurzar;
- fil-Belġju, in-negozji ċċertifikati taħt il-gwidi nazzjonali vvalidati ta' awtoverifika huma eliġibbli għal tariffi aktar baxxi u frekwenza aktar baxxa ta' kontrolli uffiċjali.

1.4.2
Infurzar mill-awtoritajiet nazzjonali

L-awtoritajiet nazzjonali jridu jistabbilixxu penali effettivi, proporzjonati u dissważivi ([15]).

L-awtoritajiet nazzjonali jużaw firxa ta' metodi ta' infurzar, mill-ħruġ ta' twissijiet verbali u bil-miktub sas-sekwestru u l-qerda ta' oġġetti u t-tneħħija (temporanja) jew ir-restrizzjoni tal-approvazzjonijiet tan-negozji. Il-multi amministrattivi jintużaw bħala deterrent. Il-proċedimenti legali formali jibqgħu bħala l-aħħar istanza.

Ċart 1 turi n-numru ta' penali amministrattivi applikati fis-setturi differenti li jaħdmu fil-katina alimentari. Ċart 2 tipprovdi analiżi skont il-kategorija u ċ-Ċart 3 turi l-għadd ta' azzjonijiet legali meħuda f'kull kategorija.

Ċart 1: Penali amministrattivi fl-2022 skont is-settur tan-negozju



([15]) L-Artikoli 137, 138 u 139 tar-Regolament (UE) 2017/625.

Ċart 2: Penali amministrattivi fl-2022 skont il-kategorija



Ċart 3: Azzjoni legali meħuda fl-2022



1.4.3
Azzjoni meħuda biex jiġu żgurati sistemi ta' kontroll uffiċjali effettivi

L-awtoritajiet nazzjonali jrid ikollhom proċeduri u/jew arranġamenti fis-seħħ biex jiżguraw l-effettività u l-adegwatezza tal-kontrolli uffiċjali. Biex jiksbu dan, irid ikollhom jew ikollhom aċċess għal:

- numru suffiċjenti ta' membri tal-persunal li jkunu kkwalifikati u b'esperjenza kif xieraq;
- faċilitajiet u tagħmir xierqa u miżmuma kif suppost; u
- kapaċità tal-laboratorju suffiċjenti għall-analiżi, l-ittestjar u d-dijanjożi.

L-awtoritajiet nazzjonali jridu jwettqu awditi fuq is-sistemi ta' kontroll tagħhom stess (jew iqabbdu lil xi ħadd jagħmel awditi fuqhom stess) u jridu jistabbilixxu proċeduri ta' verifika tal-kontroll ([16]) biex jiżguraw il-konformità u li s-sistemi ta' kontroll ikunu effettivi. Dan jinkludi awditi fuq kwalunkwe entità jew persuna li l-awtorità nazzjonali setgħet iddelegatilha kompiti.

Informazzjoni dwar wieħed jew aktar minn dawn l-aspetti hija inkluża fi 22 rapport annwali.

L-informazzjoni hija pjuttost limitata dwar il-korsijiet ta' taħriġ ipprovduti lill-persunal jew segwiti minnu, u dwar awditi u metodi oħra ta' verifika użati biex tiġi vvalutata l-effettività tas-sistemi ta' kontroll uffiċjali.

Dwar ir-riżorsi:

- Iċ-Ċekja rrapportat nuqqas ta' finanzjament għad-dijanjostika tal-laboratorju lejn tmiem is-sena, li rriżulta f'kampjunar u ttestjar limitati;
- Il-Bulgarija semmiet xejra 'l isfel fin-numru ta' uffiċjali, flimkien ma' żieda fin-numru ta' negozji stabbiliti;
- L-Estonja ddikjarat li n-nuqqas ta' esperti u t-tul li jirriżulta taż-żminijiet ta' evalwazzjoni għas-sustanzi attivi għall-protezzjoni tal-pjanti u l-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti jibqgħu ta' sfida.

([16]) L-Artikoli 6 u 12 tar-Regolament (UE) 2017/625.

Tmien pajjiżi tal-UE rrapportaw bidliet fl-MANCP attwali tagħhom. Ir-raġunijiet mogħtija għal dawn il-bidliet kienu:

- tibdiliet sinifikanti fl-istruttura, il-ġestjoni jew l-operat tal-awtoritajiet kompetenti;
- leġiżlazzjoni ġdida;
- aġġornament annwali tal-objettivi.

Parti 2

Kontrolli tal-Kummissjoni mwettqa fil-pajjiżi tal-UE fl-2022

2.1
Awditi u kontrolli



Il-programm ta' awditjar u analiżi tal-2022 ([17]) kien it-tieni wieħed taħt il-pjan pluriennali 2021–2025. Fl-2022, bdejna nindirizzaw bosta mill-prijoritajiet stabbiliti fil-pjan pluriennali. Dawn jinkludu:

- il-benesseri tal-annimali tal-għoġġiela f'postijiet ta' kontroll matul it-trasport intra-UE;
- il-benesseri tal-annimali fil-bastimenti tal-bhejjem;
- passaporti tal-pjanti użati matul il-moviment tal-pjanti, tal-prodotti mill-pjanti u ta' oġġetti oħra fl-UE.

Aħna wettaqna 120 kontroll fuq is-sistemi ta' kontroll uffiċjali tal-pajjiżi tal-UE fl-2022. Tabella 3 tipprovdi diżaggregazzjoni tat-tip ta' kontrolli u l-metodoloġija użati.

Tabella 3 – tipi ta' kontroll u metodoloġija, 2022

Tip ta' awditu	Kompletament remot	Parzjalment remot	Awditu
Fuq il-post	7	60	3
Analiżi tad-dokumenti	27		
Studju ta' ġbir ta' informazzjoni	4	1	9
Segwitu ġenerali	4	3	2

L-Illustrazzjoni 2 turi l-kopertura ġeografika ta' dawn il-kontrolli. Iċ-Ċart 4 turi l-għadd ta' awditi mwettqa skont il-kategorija ta' kontroll.

([17]) Il-programmi ta' ħidma huma ppubblikati fuq is-sit web tal-Kummissjoni

Illustrazzjoni 2: Kopertura tal-kontrolli tal-Kummissjoni fl-2022



Ċart 4: Kontrolli mwettqa skont il-kategorija, 2022



2.2 Rakkomandazzjonijiet

Il-kontrolli mwettqa fl-2022 irriżultaw f'total ta' 363 rakkomandazzjoni lill-pajjiżi tal-UE. Iċ-Ċart 3 tipprovdi ħarsa ġenerali lejn dawn għal kull settur. Id-dokument ta' ħidma tal-persunal ta' akkumpanjament jipprovdi diżaggregazzjoni ulterjuri taċ-ċifri skont iż-żona awditjata.

Ċart 5: Rakkomandazzjonijiet magħmula fl-2022 skont is-settur



2.3
Punti ewlenin mill-kontrolli tal-Kummissjoni mwettqa fl-2022

Ikel

L-awditi fis-settur tas-**sajd** sabu problemi fir-reġistrazzjoni ta' bastimenti tas-sajd żgħar, kontrolli ta' siti ta' ħatt l-art u operazzjonijiet relatati u nuqqas ta' kontrolli ta' bastimenti li jħottu l-art f'pajjiżi oħra tal-UE. L-użu ta' metodi alternattivi ta' ttestjar tal-istamina jista' jdgħajjef l-affidabbiltà u/jew il-validità tar-riżultati tat-testijiet.

Estendejna l-kamp ta' applikazzjoni tal-awditi tagħna fis-settur tal-**laħam**, li bdiet bil-biċċeriji tal-frat u kompliet b'dak tal-ħnieżer, tan-nagħaġ u tal-pollam. Instabu dgħufijiet fit-taħriġ u s-superviżjoni tal-veterinarji uffiċjali u fl-effettività tal-kontrolli f'biċċeriji bi produzzjoni baxxa.

Instabu nuqqasijiet komuni fis-settur tal-**ħalib** fl-infurzar tal-proċeduri tal-operaturi dwar l-ittestjar tal-ħalib mhux ipproċessat u l-verifika tat-trattament bis-sħana.

L-awditi dwar **ikel ta' oriġini mhux mill-annimali** wrew il-ħtieġa li tittejjeb ir-reġistrazzjoni tal-produtturi primarji fl-implimentazzjoni tal-kontrolli uffiċjali bbażati fuq ir-riskju.

OĠM

Aħna wettaqna żewġ studji ta' ġbir ta' informazzjoni biex niġbru informazzjoni dwar l-implimentazzjoni ta' kontrolli u dispożizzjonijiet dwar organiżmi u prodotti, inkluż ikel u għalf li fihom tali prodotti, miksuba permezz ta' tekniki ġenomiċi ġodda ([18]). L-għan kien ukoll li jiġu identifikati prattiki tajbin u ostakli jew diffikultajiet komuni li wieħed jiltaqa' magħhom fl-implimentazzjoni ta' dawn il-kontrolli.

Għalf

L-awditi li wettaqna żvelaw oqsma għal titjib fil-valutazzjoni tas-sistema tal-analiżi tal-perikli u tal-punti kritiċi ta' kontroll tal-operaturi, l-implimentazzjoni ta' protokolli xierqa ta' kampjunar u kontrolli uffiċjali fuq it-tikkettar.

([18]) Il-leġiżlazzjoni tal-UE dwar l-OĠM ġiet adottata fl-2001 u fl-2003. Tekniki ġenomiċi ġodda huma tekniki li tfaċċaw jew li ġew żviluppati mill-2001.

Saħħa tal-annimali

Il-kontrolli tagħna fuq il-miżuri meħuda biex jitrażżan it-tixrid tad-**deni tal-ħnieżer Afrikan** indikaw sfidi fir-rigward tal-identifikazzjoni bikrija tal-marda, il-bijosigurtà u l-kontrolli tal-moviment minn żoni ristretti.

Fir-rigward tal-miżuri meħuda dwar **l-influwenza avjarja b'livell patoġeniku għoli**, kien hemm lok għat-tisħiħ tal-ippjanar ta' kontinġenza u t-tħejjija fl-oqsma tal-inkjesti epidemjoloġiċi u l-arranġamenti ta' depopolazzjoni.

Ir-riżultati mill-kontrolli tagħna biex nivvalutaw l-implimentazzjoni effettiva tal-programmi ta' eradikazzjoni tar-**rabja** indikaw li, b'mod ġenerali, l-implimentazzjoni tal-programm miexja 'l quddiem skont l-objettivi.

Prodotti sekondarji mill-annimali

L-oqsma identifikati għat-titjib jinkludu verifiki fuq prodotti sekondarji mill-annimali ġġenerati fis-settur tal-ikel, il-valutazzjoni tas-sistemi tal-analiżi tal-perikli u tal-punti kritiċi ta' kontroll tal-operaturi, u verifiki tal-validazzjoni tal-impjanti tal-ipproċessar.

Benesseri tal-annimali

L-eżitu ta' proġett li jħares lejn sistemi ta' ġestjoni tal-kwalità għall-benesseri tal-annimali u l-użu ta' indikaturi ġie miġbur fil-qosor f'rapport ġenerali. Il-proġett ikkonkluda li hemm bżonn ta' indikaturi użati b'mod universali biex ikejlu l-istat jew il-bidliet tal-benesseri tal-**annimali fil-livell tal-azjendi agrikoli**.

Fir-rigward tal-**benesseri tal-annimali matul it-trasport**, bdejna proġetti ġodda dwar it-trasport ta' għoġġiela miftuma fuq vjaġġi twal u t-trasport tal-annimali lejn pajjiżi mhux tal-UE permezz ta' bastimenti tal-baħar.

Saħħa tal-pjanti

L-awditi tagħna dwar il-miżuri meħuda biex jitrażżan it-tixrid tal-*Xylella fastidiosa* identifikaw l-ostakli li jdewmu l-implimentazzjoni tal-miżuri ta' eradikazzjoni meħtieġa, speċjalment fl-istadji bikrija tal-kontrolli ta' tifqigħa.

Serje ġdida ta' awditi appoġġjat lill-awtoritajiet nazzjonali billi għenithom jadattaw is-sistemi ta' kontroll tagħhom biex jissodisfaw ir-rekwiżiti l-ġodda dwar il-passaporti tal-pjanti.

Prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti

Is-serje ta' awditi u taħriġ tagħna ffukat fuq il-kontrolli uffiċjali fuq il-kummerċjalizzazzjoni u l-użu ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, l-użu sostenibbli tal-pestiċidi, il-ġestjoni integrata tal-pesti u t-tagħmir għall-applikazzjoni tal-pestiċidi.

Produzzjoni organika u tikkettar ta' prodotti organiċi

Peress li l-leġiżlazzjoni l-ġdida tal-UE dwar il-prodotti organiċi ilha fis-seħħ biss mill-bidu tal-2022 u meta jitqies iż-żmien meħtieġ għat-tranżizzjoni għar-rekwiżiti l-ġodda, ma sar l-ebda awditu fil-pajjiżi tal-UE fl-2022.

Denominazzjoni ta' oriġini protetta, indikazzjonijiet ġeografiċi protetti u speċjalitajiet tradizzjonali garantiti

Awditu dwar l-evalwazzjoni tas-sistema ta' kontroll uffiċjali fis-seħħ għad-DOP u l-IĠP fis-settur tal-inbid żvela lakuni fil-verifika tal-konformità mal-aspetti kollha koperti mill-ispeċifikazzjonijiet tal-prodott meta jitwettqu l-kontrolli għand il-produtturi.

Prattiki frawdolenti u qarrieqa

Il-proġett dwar l-arranġamenti stabbiliti mill-pajjiżi tal-UE għall-ġlieda kontra l-frodi fil-katina agroalimentari ġie konkluż u l-eżitu tiegħu ġie ppubblikat f'rapport ġenerali. Barra minn hekk, il-Kummissjoni ppubblikat rapport tekniku biex tappoġġja lill-Istati Membri sabiex jissodisfaw ir-rekwiżiti legali tal-UE f'dan il-qasam.

Dħul ta' annimali u oġġetti fl-UE

Ir-riżultati tal-awditi kkonfermaw li, b'mod ġenerali, il-pajjiżi tal-UE jkomplu jtejbu s-sistemi tagħhom u jimplimentaw il-kontrolli f'dan il-qasam.

Residwi tal-prodotti mediċinali veterinarji u tal-kontaminanti ambjentali fl-annimali u fil-prodotti li joriġinaw mill-annimali

Ir-riżultati tal-valutazzjonijiet tal-pjanijiet nazzjonali għall-monitoraġġ tar-residwi u t-tmien awditi mwettqa wrew konformità mar-regoli.

Saħħa waħda

Ir-riżultati tal-valutazzjonijiet tal-pjanijiet nazzjonali dwar ir-reżistenza antimikrobika ġew miġbura fil-qosor f'rapport ġenerali. Is-sejbiet ta' dan il-proġett għandhom jgħinu lill-pajjiżi tal-UE jidentifikaw u jiżviluppaw sinerġiji fil-kuntest tad-dimensjoni Saħħa Waħda. Għandhom jgħinuhom ukoll jidentifikaw kwalunkwe lakuna u jsaħħu l-pjanijiet eżistenti tagħhom.

2.4
Segwitu sistematiku tar-rakkomandazzjonijiet tal-awditi

2. 4.1
Awditi ta’ segwitu ġenerali

Abbażi taċ-ċiklu tal-awditjar ta’ tliet snin, aħna wettaqna disa’ awditi ta’ segwitu ġenerali fl-2022.

Tabella 4: Awditi ta’ segwitu ġenerali fl-2022

Awditi ta’ segwitu ġenerali:	

Ir-rieżami sistematiku tal-azzjonijiet meħuda mill-Istati Membri biex jindirizzaw ir-rakkomandazzjonijiet tal-awditjar kompla jkun effettiv fl-indirizzar tal-biċċa l-kbira tal-kwistjonijiet identifikati. Ir-riżultati tal-verifiki ta’ segwitu ġenerali ġew ippubblikati fil-profili tal-pajjiżi.

Fl-aħħar ta’ Diċembru 2022, l-awtoritajiet nazzjonali kienu ħadu azzjoni korrettiva jew ipprovdew impenji sodisfaċenti biex jindirizzaw il-maġġoranza tan-nuqqasijiet identifikati fi skadenzi aċċettabbli. Abbażi ta’ indikatur kontinwu ta’ tliet snin, kienu saru impenji għal azzjonijiet korrettivi għal 93 % tar-rakkomandazzjonijiet li rriżultaw mill-awditi mwettqa matul il-perjodu ta’ tliet snin 2018–2020.

Aħna qegħdin inkomplu nimmonitorjaw ir-rakkomandazzjonijiet miftuħa kollha billi nwettqu awditi ta’ segwitu ġenerali.

2.4.2
Infurzar



Fl-2022, il-Kummissjoni nediet proċedimenti ta' ksur kontra r-Renju Unit talli ma kkonformax ma' partijiet sinifikanti tal-Qafas ta' Windsor. L-għan ta' dawn il-proċedimenti ta' ksur huwa li terġa' tinkiseb il-konformità tar-Renju Unit mal-Qafas f'numru ta' oqsma ewlenin, bl-għan aħħari li jiġu protetti s-saħħa u s-sikurezza taċ-ċittadini tal-UE ([19]).



Fl-2022, il-Kummissjoni ma rreferiet l-ebda kawża lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fl-oqsma soġġetti għal kontrolli uffiċjali koperti minn dan ir-rapport.

([19]) Stqarrija għall-istampa tal-15 ta' Ġunju 2022

Konklużjonijiet

Fl-2022, l-awtoritajiet nazzjonali komplew jissodisfaw ir-rwol tagħhom li jimmonitorjaw u li jivverifikaw li n-negozji tul il-katina alimentari jikkonformaw mar-rekwiżiti applikabbli tal-UE u ħadu miżuri ta' infurzar meta dan ma kienx il-każ.

Ir-restrizzjonijiet imposti minħabba l-pandemija tal-COVID-19 (għalkemm gradwalment reġgħu lura għan-normal fl-2022), il-livelli tal-persunal u r-restrizzjonijiet tar-riżorsi ġew ikkwotati bħala raġunijiet għaliex l-awtoritajiet nazzjonali ma setgħux jimplimentaw kompletament il-programmi ppjanati tagħhom.

L-awtoritajiet nazzjonali jeħtieġ li jlestu l-ħidma biex jadattaw is-sistemi tad-*data* interna tagħhom biex jittrattaw *data* kompluta u konsistenti fil-format meħtieġ. Il-Kummissjoni ħarġet gwida dwar it-tlestija tar-rapport annwali; is-segwitu tal-gwida għandu jtejjeb il-komparabbiltà tad-*data* pprovduta għall-2023 u s-snin sussegwenti.

Ir-rapporti annwali jitjiebu wkoll meta l-awtoritajiet nazzjonali jinkludu dikjarazzjonijiet dwar il-livell ġenerali ta' konformità, l-effettività ġenerali tas-sistemi ta' kontroll uffiċjali tagħhom u l-adegwatezza tagħhom biex jintlaħqu l-objettivi tar-Regolament dwar il-Kontrolli Uffiċjali([20]) .

Fir-rigward tal-kontrolli uffiċjali dwar it-trattament xieraq tal-annimali, ir-rapporti annwali futuri jridu jipprovdu analiżi aħjar tal-inċidenti ewlenin ta' nuqqas ta' konformità u tal-pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali biex tiġi evitata kwalunkwe rikorrenza ta' inċidenti bħal dawn.

Ir-riżultati tal-kontrolli uffiċjali mwettqa mill-pajjiżi tal-UE u tal-kontrolli mwettqa mill-Kummissjoni fuq l-awtoritajiet nazzjonali juru li hemm fis-seħħ sistemi ta' kontroll u li jipprovdu livelli ta' konformità li huma kompatibbli mar-rekwiżiti tas-sikurezza tal-ikel u tal-għalf u tas-suq intern tal-UE b'saħħtu. Madankollu, il-kontrolli tal-Kummissjoni identifikaw dgħufijiet u aktar lok għal titjib.

Is-segwitu sistematiku mill-Kummissjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-awditjar juri li l-awtoritajiet nazzjonali ġeneralment qed jieħdu l-miżuri korrettivi meħtieġa biex jirrimedjaw in-nuqqasijiet identifikati.

Filwaqt li taħdem fi sħubija mal-awtoritajiet nazzjonali, il-Kummissjoni tkompli tappoġġja t-titjib kontinwu tas-sistemi ta' kontroll uffiċjali permezz ta' networks ta' esperti nazzjonali u l-inizjattiva Taħriġ Imtejjeb għal Iżjed Sikurezza fl-Ikel.

([20]) Ir-Regolament (UE) 2017/625